MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 636/2005/1

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ihallas is-somma kumplessiva ta’ mitejn Lira Maltin u sittin centezmu (Lm 200.60) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut fil-vettura tal-marka Bedford TL 500 bin-Numru ta’ registrazzjoni KAJ 506, proprjeta’ ta; l-attur, nhar is-7 ta’ Mejju, 2004 meta l-istess konvenut minghajr awtorizzazzjoni ta’ l-attur saq l-imsemmija vettura b’negligenza u imperizja fil-bini tas-socjeta’ Malta Dairy Products Limited.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.”

Ra ir-risposta li tghid hekk:

“Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita’ u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi preliminarjament qed jigi eccepit il-privilegium fori stante li l-konvenut huwa residenti Ghawdex.

Illi inoltre u minghajr pregudizzjoni ghall-premess il-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident de quo kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza u dan salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-attur kellu trakk ipparkjat u billi kien qieghed jostakola l-vettura tal-konvenut, dan dahal u caqlaq it-trakk tal-attur, li kien miftuh bic-cavetta gewwa fih, pied jew tnejn 'il quddiem.

Skond l-attur, anke a tempo vergine, il-konvenut halla l-ignition switch mixghul bil-konsegwenza li l-istarter baqa' engaged u ghalhekk wara li l-konvenut halla t-trakk, dan baqa' diehel go sigra xi zewg metri 'l fuq. Ufficjal tas-sigurta ra t-trakk jimxi wahdu wara li nstaq minn Carnemolla, u dan kif stqarr il-konvenut stess lill-pulizija (ara r-rapport esebit Doc CM-1).

Min-naha tieghu il-konvenut isostni li huwa cert li halla l-magna mitfija.

Il-piz tal-prova li kienet l-azzjoni tal-konvenut il-kawza prossima tal-incident hija fuq spallejn l-attur, li jrid jipprova l-kaz tieghu fuq bilanc tal-probabiltajiet. It-test li jrid jghaddi minnu l-attur m'huwiex jekk il-kaz tieghu hux iktar probabbli minn dak tal-konvenut, imma jekk il-kaz tal-attur huwiex probabilment iktar veru milli le u cioe' l-kaz tal-attur irid jigi mkejjel b'riferenza ghal standard oggettiv ta' probabilta'. Ma hemmx dubju li l-attur ipprova l-kaz tieghu *prima facile* fil-grad rikjest ta' probabilita'. Minn dan il-punt, imbaghad, il-piz tal-prova jdur fuq spallejn il-konvenut, li jitwikka bit-toghbija evidenzjali li jgib provi li jikkontradicu l-pretenzjoni attrici; f'dan il-kaz jrid jipprova li ma kinitx l-azzjoni tieghu il-kawza tal-hsara, billi, per ezempju, jipprova li t-trakk kien difettiz, jew li xi hadd iehor saq it-

trakk warajh. Dan il-konvenut mhux talli naqas milli jaghmlu, imma talli sa certu punt ikkorrobora t-tezi tal-attur, billi stqarr mal-pulizija x'qallu ufficjal tas-sigurta u cioe' li ra t-trakk miexi wahdu wara li hareg minnu l-konvenut, kif fuq spjegat.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib lill-konvenut unikamnet responsabbli ghall-incident, u konsegwentement jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm200.60 ammont ta' danni subiti mill-attur per konsegwenza tal-istess incident bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontra l-konvenut, bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Dritt tal-avukati jibqa' a kariku tal-parti rispettiva li tkun inkarikathom billi l-ammont pretiz huwa inqas minn Lm 250.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------